**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**-Vs-**

**MUHANAD KAARSHE AHMED**

**Illum, 15 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi **MUHANAD KAARSHE AHMED**, iben Kaarshe Ahmed Galan u Khadice Jamac Ahmed, imwieled Somalja nhar il-5 ta' Ottubru 1997, tressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. F'Tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'Malta, fid-29 ta' Jannar 2022 filgħodu kkommetta serq ta' diversi oġġetti mill-AM Hostel, Triq Sir George Borg, Tas-Sliema għad-detriment ta' AM Hostel, u/jew Albert Borg Cardona u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u wkoll kkwalifikat bil-ħin;

2. F'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'Malta, fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Frar 2022 ikkommetta serq ta' diversi oġġetti mis- St. George's Park Hotel,

Triq id-Dragunara, San Ġiljan għad-detriment ta’ Boris Dos Ramos Sagarzazu u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u jaċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u wkoll kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin;

3. F’San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f’Malta, fil-lejl ta’ bejn it-12 u it-13 ta’ Frar 2022 volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta’ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal mhux aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250), u dan għad-dannu St. George’s Park Hotel u/jew Antonio Barrientos Linan u/jew persuni ohra;

4. F’San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f’Malta, nhar l-13 ta’ Frar 2022 u fil-ġranet ta’ qabel, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod ieħor, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

5. F’San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f’Malta, nhar l-13 ta’ Frar 2022 u fil-ġranet ta’ qabel, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta sar;

6. F’San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f’Malta, nhar l-13 ta’ Frar 2022 u fil-granet ta’ qabel, kien qiegħed jgħix ħajja ta’ għazz u ta’ vagabundaġġ;

7. Rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami jwiegeb li huwa hati;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti ikkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Semghet lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara illi hemm persuna oħra, ċertu Fraj El Sadiq magħruf bħala Rahmun li fil-preżent qed jiġi investigat in konnessjoni mal-istess reati addebitati lill-imputat odjern;

Semgħet lill-istess Uffiċjal Prosekutur jiddikjara wkoll illi l-oġġetti li ġew misruqin mingħand Albert Borg Cardon u mingħand Boris Dos Ramos Sagarzazu, ġew maqbudin bis-saħħa ta’ Mandat ta’ Perkwiżizzjoni u jinsabu fil-pussess tal-Pulizija u serjin jiġu ritornati lid-derubati rispettivi;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputat ammetta l-htija tieghu mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni u l-fatt il-Pulizija rnexxielha tirkupra minghand l-imputat l-oġġetti misruqa.

Izda fuq kollox il-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat ammetta li huwa reċidiv u l-gravita` tas-serqiet li l-imputat gie akkuzat li wettaq fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet (aggravati bil-valur u t-tieni waħda wkoll bil-mezz, fost aggravji oħrajn) iżda fl-istess waqt ikkunsidrat ukoll il-fatt illi r-reati addebitati ngħataw bħala reat kontinwat.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tielet akkuża hija dwar reat li evidentement ġie kommess bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reati ta' serq addebitati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet u għalhekk għandhom isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Tosserva wkoll illi r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet fejn l-imputat ġie mixli bir-reat ta' riċettazzjoni u bir-reat taħt l-Artikolu 334A tal-Kap. 9, ma setgħux ħlief ingħatatu bħala alternattiva għar-reat ta' serq u għalhekk, ġaladarba l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat ta' serq, ma jistax jinstab ħati wkoll ta' riċettazzjoni u tar-reat taħt l-Artikolu 334A tal-Kap. 9 u l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet.

Magħdud dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva anke ghaliex hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 minhabba l-provvedimenti tal-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 280(2), 325(1)(ċ) u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda fuq ammissjoni ssib lil MUHANAD KAARSHE AHMED ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, u tikkundannah sebgħa u għoxrin (27) xahar prigunerija effettiva.**

**Tordna wkoll li l-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO (ft)**
**MAGISTRAT.**